PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9938 — Kingspan Group/Trimo)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 82/11)

1. Fit-3 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Kingspan Holding Netherlands B.V. (in-Netherlands), ikkontrollata minn Kingspan Group plc,

— Trimo, arhitekturne rešitve, d.o.o. (Slovenia), ikkontrollata minn European Architectural Systems S.à r.l.

Kingspan Holding Netherlands B.V. takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Trimo, arhiteturne rešitve, d.o.o. kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Kingspan Holding Netherlands B.V.: manifattura ta' pannelli sandwich, iżolazzjoni, dawl u soluzzjonijiet tal-arja, l-ilma u l-enerġija u teknoloġija tad-*data* u teknoloġija tal-art,

— Trimo, arhitekturne rešitve, d.o.o.: prinċipalment manifattura ta' pannelli sandwich ta' fibra minerali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9938 — Kingspan Group/Trimo

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz l-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË